**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.), B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs.**

**Joseph Spiteri**

Numru: 72/2008

Illum 27 ta' Jannar 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Joseph Spiteri,** ta' tmienja u erbghin (48) sena, bin Francis u l' Carmela nee' Zammit, imwieled Pieta' nhar it-2 ta' Mejju 1959, residenti fil-fond 'The Willows', Triq l-Ghar ta' Ninu, Xaghra, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' numru 303259(M), akkuzat talli gewwa dawn il-Gzejjer nhar it-22 ta' Marzu 2008, u fi zminijiet ta' qabel minn gewwa *truck* tal-ghamla Ford Iveco tip Cargo li kellu n-numru tar-registrazzjoni IAE446 fil-basement tal-blokk bini msemmi 'Olive Gardens', Triq is-Srug, Xaghra, Ghawdex;

a) Ghamel jew xjentement zamm jew kellu ghandu jew taht il-kontroll tieghu xi sustanza esplossiva taht dawk ic-

cirkostanzi illi jaghtu ghaliex wiehed ghandu bir-ragun jahseb illi hu ghamilha, zammha jew kienet ghandu ghal hsieb mhux lecitu;

b) U aktar talli fl-istess data, hinijiet, lok u cirkostanzi dahhal f'Malta porvli tal-isparar, jew esplossivi ohra ohra, inkella fetah jew zamm fabbriki tal-porvli jew xoghlijiet tan-nar, inkella fabbriki ohra fejn jinhadmu porvli jew esplossivi ohra, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija. Din il-licenzja ma tigix moghtija jekk kemm-il darba ma jittihdux il-prekwazzjonijiet mehtiega ghall-harsien tal-hajja u tal-proprjeta';

c) U aktar talli fl-istess, data, hinijiet, lok u cirkostanzi, zamm ghal bejgh jew hazen porvli tal-isparar jew esplossivi minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizja;

d) U fl-ahhar talli fl-istess data,, hinijiet, lok u cirkostanzi, xjentement halla l-fond illi tieghu hu d-detentur jew ghandu il-hsieb jew il-kustodja, gie wzat sabiex inzammu jew inhadmu fih porvli tal-isparar, esplossivi jew xoghlijiet tan-nar;

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 106) datata 19 ta' Mejju 2009 li permezz taghha baghat lill-imputat Joseph Spiteri biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

(a) Fl-artikoli 313 u 314 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-artikoli 29 u 41 tal-Kapitolu 33 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) Fl-artikoli 3(1)(2) u 27 tal-Kapitolu 33 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) Fl-atikolu 9(1) u 29 tal-Kapitolu 33 tal-Ligijiet ta' Malta;
(d) Fl-artikolu 28 tal-Kapitolu 33 tal-Ligijiet ta' Malta;
(e) Fl-artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 40 tal-Kapitolu 33 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi, waqt l-udjenza tat-2 ta' Mejju 2013 (*a fol.* 170), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fid-19 ta' Mejju 2009, u f'liema

seduta l-imputat ddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mis-Sinjurija Tieghu l-Prim'Imhallef.

Rat illi fis-seduta tad-29 ta' Ottubru 2015 il-Qorti tat cans lill-Prosekuzzjoni u d-difiza sabiex jipprezentaw is-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub.

Rat illi l-Prosekuzzjoni baqghet ma pprezentatx s-sottomissjoni taghha bil-miktub, minkejja li nghataw il-fakolta' taghmel hekk.

Rat illi fil-5 ta' Jannar 2016, id-difiza pprezentat s-sottomissjonijiet taghha bil-miktub.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

**Dewmien ta' procedura**

Il-Qorti tinnota li l-proceduri marbuta ma' dan il-kaz bdew fl-2008. Bidel l-idejn minghand Magistrat ghal iehor. F'dan ix-xenarju ta' dewmien bla bzonn, din il-Qorti ittenni dak li qalet l-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza "Il-**Pulizija vs. Anthony Azzopardi**" [4.2.2010] u cioe' li:-

> *"Ghalkemm din il-Qorti tifhem u tapprezza li biz-zieda enormi fil-kompetenza taghhom f'dawn l-ahhar snin il-Qrati tal-Magistrati gew inondati bix-xoghol u qed jahdmu taht pressjoni liema bhalha, dan id-dilungar zejjed biex jigu decizi kawzi fil-Qrati tal-Magistrati bhala Qrati ta' Gudikatura Kriminali, wara li l-Avukat Generali jkun baghat l-artikoli, qed johloq*

*znaturazzjoni tal-processi kriminali li min-natura taghhom ghandhom jigu decizi kemm jista' jkun malajr kemm fl-interess tal-persuna akkuzata u kif ukoll fl-interess tas-socjeta' li f'isimha tkun qed issir il-prosekuzzjoni. Huma l-gudikanti li jirregolaw it-tempo li bih titmexxa – jew ma titmexxiex - kawza. Din is-sitwazzjoni, li ma tikkoncernax biss din il-kawza, mhix accettabbli u hemm bzonn li tigi korretta b'mizuri legizlattivi li jassikuraw li dawn il-kawzi jigu decizi fi zmien ragjonevoli izda li jkun mandatorju u stabbilit bil-ligi."*

Dwar dan esprimiet ruhha l-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza **Samuel Onyeabor vs. Avukat Generali** deciza nhar it-Tnejn 14 ta' Dicembru 2015:

*Huwa minnu illi l-każ kien x'aktarx kompless u kien jeħtieġ ċerta tħejjija. Madankollu, dan ma jfissirx illi seba' snin kienu meħtieġa biex il-proċess, mhux jintemm, iżda jitwassal sal-istadju li għall-inqas jinħareġ l-att ta' akkuża. Fil-fatt eżami tal-proċess ta' kumpilazzjoni juri illi d-dewmien kien mhux minħabba l-komplessità tal-każ jew minħabba l-volum ta' xhieda, iżda minħabba l-mod kif il-proċess tmexxa, li juri illi n-nuqqas aktar milli f'parti jew f'oħra qiegħed fis-sistema nnifsu, li ma jħallix li proċess jibda u jintemm iżda jitkarkar: il-għbir tax-xiehda jsir bin-nifs, seduti jinħlew billi jinstema' biss xhud wieħed għal ftit minuti, seduti oħra jkollhom jitħassru għax lill-Qorti stess jew lill-Prosekuzzjoni jidħlilhom xogħol ieħor aktar urġenti u jitħassru wkoll seduti għal raġunijiet varji. Naturalment, aktar ma l-*

*proċess jieħu fit-tul, aktar tqum il-possibilita` li jinqalgħu ostakoli, li jkomplu jwasslu għal aktar dewmien.*

*Din il-Qorti, bħall-ewwel Qorti, tapprezza illi l-volum ta' xogħol u n-nuqqas ta' riżorsi jwasslu għal sitwazzjoni fejn ma jibqax possibbli li kull kaz jingħata l-attenzjoni indiviża biex jitmexxa b'ħeffa u bla ħela ta' żmien. Iżda dan ma huwiex ġustifikazzjoni; anzi jfisser illi l-Istat qiegħed jonqos mill-obbligu tiegħu li jara li s-sistema ġudizzjarju jkollu r-riżorsi kollha meħtieġa biex jista' jimxi b'ħeffa u b'efficjenza waqt li fl-istess ħin jitħarsu l-interessi tal- ġustizzja. Ma nistgħux ma ngħidux ukoll, iżda, illi hemm nuqqasijiet ukoll min-naħa tal-operaturi tas-sistema, għax hija l- inerzja li twassal biex l-affarijiet inkomplu nagħmluhom b'dan il- mod "għax dejjem hekk sar", u għalhekk, għalkemm nafu li jsiru ħażin, inkomplu nagħmluhom hekk.*[1]

**Il-fatti fil-qosor:**

Jirrizulta illi dana l-kaz beda kollu minn telefonata li rceviet il-Pulizija fejn gie allegat illi gewwa trakk abjad kien hemm splussiv. Fit-22 ta' Marzu 2008 l-Pulizija marru fil-post indikat fejn hemmhekk instab *truck* tal-ghamla Ford Iveco tip Cargo b'numru tar-registrazzjoni IAE446 f'basement ta' blokka bini fi Triq is-Srug, Xaghra, Ghawdex. It-*truck* kellu x-*shutter* miftuh u kien accessibli ghall-kulhadd. Irrizulta illi fl-istess *truck* instabet kwantita` zghira ta' porvli u materjal iehor li jintuza ghan-nar tal-festi. L-isplussiv li nstab ingarr mill-Pulizija fil-vettura taghhom stess lejn l-Ghassa tal-Pulzija fir-Rabat. Il-fond fejn kien it-*truck* jappartjeni lill-kumpanija

[1] Rikors numru 18/2014 TM, Imhallef Giannino Caruana Demajo (Agent President), Imhallfin Noel Cuschieri u Joseph Zammit McKeon.

Oleander Properties Limited (*a fol.* 4) filwaqt li t-*truck* huwa registrat f'ismu izda proprjeta' tal-kumpanija MPJ Limited[2]. It-*truck* kien iggaraxxjat sa mill-31 ta' Ottubru tas-sena elfejn u hamsa (2005) u t-*truck* ma kienx jintuza fit-triq ghaliex il-pjanci meta jsir hekk ikunu ritornati lil Transport Malta.

Mill-bidu nett l-imputat cahad li l-isplussiv misjub kien tieghu u li l-ewwel darba li rah kien fl-Ghassa tal-Pulizija r-Rabat, Ghawdex. Spjega li t-*truck* kien silfu biex jintuza bhala store ma' genb is-sit ta' fejn jinharaq in-nar tal-festa tal-Vittorja x-Xaghra f'Settembru.

**Livell ta' prova**

Huwa principju baziku prattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li sabiex l-akkuzat jigi misjub hati l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu dawn ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju dettat mir-raguni.

F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-**Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Dicembru 1997** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Peter Ebejer**, fejn il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis c-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz ***Miller v Minister of Pension*** - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt.'

[2] MPJ Limited – C 7991 u huwa Direttur, Shareholder, Rapprezentant Legali U Guridiku u Segretarju *(a fol.* 118)

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker** (Qorti tal-Appell Kriminali - deciza fid-19 ta' Mejju, 1997) gie ritenut illi:

*"it is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

Din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Martin Mark Ciappara** fejn spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'verzjonijiet konfliggenti u cioe' jistghu jigru zewg affarijiet u cioe' jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghall-piena jew ghal xi provediment iehor.

**Apprezzament tal-provi fl-assjem:**

Il-Qorti tissottolinea li huwa ben risaput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il-Qorti, u cioe' li tezamina bir-reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz.

Il-Qorti se tara jekk il-fattispecie tal-kaz jammontawx ghar-reati addebitati lill-imputat.

**Nuqqas fl-istharrig:**

Minn analizi tal-provi prodotti johorgu dawn in-nuqqasijiet li jdghajfu bi shih il-kaz tal-prosekuzzjoni.

1. Il-Pulizija meta waslitilhom informazzjoni li kien hemm xoghol tan-nar fi *truck*, kellhom jissigillaw ix-xena, kellhom jaraw li jsiru jafu minnufih ta' min kienet il-proprjeta' fejn it-*truck* kien ipparkjat u ta' min kien it-*truck* u jinfurmawh biex ikun prezenti waqt il-ftuh tal-istess *truck*. Dan ma sarx.

2. Il-Pulizija kellhom ihallu dak misjub fuq il-post sakemm jigu l-esperti tal-isplussiv u jelevawh huma u mhux b'mod pruzuntuz icaqilqu l-materjal minn fuq il-post u jehduh b'karozza tal-Pulizija l-Ghassa tal-Pulizija r-Rabat b'sogru zejjed ghall-istess Pulizija. Skont is-Supretendent Antonello Grech (*a. fol.* 196) jghid *"kien hemm surgent li deherlu li jifhem hafna u qabad u gabarhom"*.

3. Il-Pulizija meta waslitilhom l-informazzjoni li f'post partikolari kien hemm xi loghob tan-nar illegali kellhom jaghmlu sorveljanza diskreta biex jaraw jekk l-istess post kienx frekwentat minn xi hadd biex jekk ikunu ghaddejjin xi illegalitajiet min ikun qieghed iwettaqhom jinqabad fil-fatt.

4. Il-Qorti tal-Appell Kriminali ppreseduta dak iz-zmien mill-Prim Imhallef Vincent De Gaetano fis-7 ta' Novembru 2008 kienet rrevokat is-sentenza li nghatat fil-konfront tal-imputat fl-24 ta' Marzu 2008 wara appell tal-Avukat Generali u baghtet l-atti lura lill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) biex, bhala Qorti Istruttorja tipprocedi mill-gdid u skont il-ligi fil-konfront tal-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat. Fis-sentenza taghha l-Qorti tal-Appell Kriminali qalet li *"Din il-Qorti tara li l-konfuzjoni kollha li nholqot f'dan il-kaz – konfuzjoni li ghaliha jahti, f'certu sens, ukoll l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Josric Mifsud – hija dovuta ghall-fatt li l-Qorti Inferjuri ma rrealizzatx li l-ewwel imputazzjoni tipotizza r-reat kontemplat fl-Artikolu 313 tal-Kodici Kriminali, reat li jgib mieghu piena minn minimu ta' tmintax-il xahar sa massimu ta' disa' snin prigunerija,*

*u li allura dan hu reat li jezigi li l-Qorti tal-Magistrati tipprocedi bhala Qorti Istruttorja u mhux, kif ghamlet l-ewwel Qorti f'dan il-kaz sommarjament bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali"*[3].

5. L-Ufficjal Prosekutur Josric Mifsud waqt il-kontro-ezami (*a fol.* 222) jghid li bis-sejba *"kont infurmajt lill-Magistrat Coppini, konna hadna xi ritratti tal–affarijiet …*) meta mill-process jirrizulta li l-Magistrat Inkwirenti kien iehor. L-istess Spettur meta mistoqsi mill-abbli Avukat difensur Joseph Grech jekk minn fuq l-isplussiv li nstab ittihdux xi *fingerprints* f'xi mument wiegeb li *"ma nahsibx li ttiehed"* u meta mistoqsi jekk *fingerprints* li ttiehdu lill-imputat kinux ikkonfrontati ma' xi *fingerprints* li setghu nstabu fuq il-post, wiegeb li le. Waqt il-process irrizulta li ttiehdu impronti minn fuq l-isplussiv misjub u kien ikkonfrontat ma' marki tas-swaba' ta' tliet suspettati li l-imputat ma kienx wiehed minnhom (dwar il-kwistjoni tal-*fingerprints* il-Qorti se tidhol aktar fid-dettal, aktar 'il quddiem f'din is-sentenza). L-Ufficcjal Prosekutur invista anke ta' dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fid-decizjoni tas-7 ta' Novembru 2008 kellu jkun aktar attent fix-xiehda tieghu ghaliex inaqqas mill-kredibilta' tieghu meta kaz serju bhal dan jista' jwassal sa piena ta' disa' snin prigunerija jittiehed b'certu leggerezza.

**Il-prova ta' fingerprints:**

Illi fl-atti tal-inkjesta dwar il-kaz in ezami dwar is-sejba ta' nar illegali gewwa *truck* li kien ipparkjat fix-Xaghra, Ghawdex fit-22 ta' Marzu 2008, l-Magistrat inkwerenti kien innomina lill-espert tal-impronti PC 1371 A. Grech biex jezamina xi oggetti li kienu ngabru minn gewwa t-*truck* u jippreleva dawk l-impronti kollha possibbli. Illi *a fol.* 142 ta' dan il-process hemm esebit ir-rapport tal-espert fejn jinghad li gew elevati numru ta' impronti. Minhabba li l-Kuntistabbli li kien fuq ix-xena mess l-oggetti misjuba saru ezamijiet eliminatorji mal-impronti tieghu.

Illi l-impronti gew iccekkjati ma' tliet persuni suspettati izda dawna l-impronti ma qablux ma' tas-suspettati. L-imputat ma kienx wiehed mit-tliet suspettati.

[3] Appell Kriminali Numru 85/2008 – Il-**Pulizija (Spettur Josric Mifsud) v. Joseph Spiteri**.

Illi fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs. Jason Lee Borg et** deciza fil-15 ta' Gunju 1998, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> *"Provi jew indizzji cirkostanzali ghandhom ikunu univoci, cioe' mhux ambigwi. Ghandhom ikunu indizzji evidenti li jorbtu lil akkuzat mar-reat u li jwasslu, mehuda ilkoll flimkien, ghal konkluzzjoni li kien l-akkuzat u hadd aktar, anzi l-akkuzat biss, li kien il-hati u li l-provi li tressqu kienu inkompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu. Il-prova ta' fingerprints qeghda hemmhekk biex f'xi kazijiet issahhah provi ohra tal-Prosekuzzjoni u f'kazijiet fejn dik tkun l-unika prova".*

Illi fid-decizjoni moghtija fis-27 ta' Mejju 1999 mill-Qorti tal-Magistrati fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Victor Gatt**, il-Qorti sostniet li l-kaz tal-Prosekuzzjoni jistrieh fuq il-fatt li nstabu l-impronti digitali tal-imputat fuq flixkun tal-whisky misjub fil-fond fejn sehhet dik is-serqa. Illi fih innifsu ghalkemm dan hu ndizzju, huwa biss prova li l-imputat mess dak il-flixkun tal-whisky u xejn aktar.

Illi fis-sentenza moghtija 30 ta' Gunju 1998 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizja vs. Emanuel Camilleri** gie deciz li:

> *"f'dak il-kaz il-prova tal-fingerprints kien jinhtiegilha korroborazzjoni minn provi cirkostanzjali ohra. Pero' hemm kazijiet fejn il-prova tal-fingerprints wahedha tkun bizzejjed biex il-Qorti tkun moralment konvinta mill-htija tal-akkuza".*

Fil-fatt fl-Ingilterra fil-kaz **R vs. Castletan** (3 Cr App R - 74, CCA (vide Archbold 1997 para 14-97 ) gie deciz li:

> *"Identification of fingerprints by a person expert in such prints may be sufficient even where it is the only evidence of identification".*

Imbaghad, fil-kawza Il-**Pulizija vs. Noel Frendo** deciza fit-30 ta' Dicembru 2004, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> *"L-impronti digitali (u dawk palmari) huma forma ta' prova indizzjarja – "circumstantial evidence"" - li kif qal Lord Salmon fil-kaz **DPP v. Kilbourne** [1973] AC 729, p. 758 "...works by cumulatively, in geometrical progression, eliminating other possibilities". Il-kwistjoni kollha hi mhux jekk l-impronta instabitx f'post pubbliku jew f'post*

*privat jew anqas pubbliku - il-kwistjoni kollha hi jekk, fid-dawl tac-cirkostanzi kollha, il-post fejn instabet l-impronta tikkonvincix lill-gudikant lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li dik l-impronta saret mill-persuna li lilha tappartjeni fil-kors tal-kommissjoni minn dik l-istess persuna tar-reat li bih tkun akkuzata jew fil-kors ta' xi atti li jammontaw ghall-anqas ghal tentattiv ta' dak ir-reat".*

Fil-kawza kwotata hawn fuq, il-Qorti qalet hekk ukoll:

*"Wahedhom dawn l-impronti kienu tali li setghu, legalment u ragjonevolment, inisslu fil-gudikant il- konvinciment morali li kienet il-persuna li lilha kienu jappartjenu l-istess impronti li kienet hekk spustathom, u dan evidentement bil-hsieb li jingarru flimkien ma' l-oggetti l-ohra li kienu effettivament ingarru. Fin-nuqqas ta' xi spjegazzjoni, imqar fuq bazi ta' probabbilita`, ta' kif dawk l-impronti tal-appellant Frendo spiccaw fuq l-oggetti misjuba fil-kaxxa, l-ewwel Qorti ftit li xejn kellha triq ohra ghajr li ssib lill-appellant hati skond l-ewwel imputazzjoni".*

Riferenza ghandha ssir ghall-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs. Alfred Bugeja**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-22 ta' Novembru 2012. Il-Qorti qalet hekk:

*"F'dan il-kaz l-impronta li qablet mas-saba' z-zghir ta' l-id ix-xellugija ta' l-appellat instabet fuq il-kument tat-tieqa tan-naha tal-lemin ta' l-ufficcju tal-Mid-Med. Din it-tieqa tinsab fuq in-naha ta' wara tal-Bank fejn, minn ezami tar- ritratti mehudin u esebiti minn P.C. 516 Alfio Borg (a fol. 37), jirrizulta li hemm passagg dejjaq – mhux, mela, post fejn hu mistenni li jikkongregaw in-nies. L-impronta nstabet proprju fuq il-kument tat-tieqa tal-lemin, dik it- tieqa (sliding) li tkissritilha l-hgiega biex setghet tinfetah u tigi mbuttata lejn ix-xellug sabiex b'hekk il-halliel jew hallelin setghu jaqtghu l-hadid li kien hemm fuq in-naha ta' gewwa.*

*[...]*

*Dak li hu palezi hu li l-appellat ma ta l-ebda spjegazzjoni ragjonevoli ta' kif impronta ta' idu l-leminija thalliet proprju fuq it-tieqa sgassata ta' l-ufficcju tal-Mid-Med Bank fl-Universita` Tal-Qroqq".*

Il-Prosekuzzjoni tilfet cans tad-deheb biex jekk kellha suspett fl-imputat li l-isplussiv misjub kien tieghu titlob lill-Qorti li jsir ezami komparattiv

u jkun stabbilit jekk jirrizultaw li xi marka li nstabet fuq il-post kinitx tieghu.

Li mill-provi f'dan il-process johrog car u dan mir-relazzjoni tal-espert forensiku (*a fol* 142 *et seq.*) li l-imputat ma kienx wiehed mill-persuni suspettati u l-impronti tieghu ma kinux iccekjati.

**Konsiderazzjonijiet finali:**

Il-kompitu ta` din il-Qorti hu li taghmel analizi approfondita tal-provi mressqa mill-partijiet. U wara li taghmel tali ezami, trid taghmel id-domanda jekk il-Prosekuzzjoni ippruvatx il-kaz taghha skont il-ligi.

Il-Qorti tinnota li meta l-Pulizija marru jaghmlu raid ghal-loghob tan-nar illegali ghamlu dan fin-nuqqas tal-prezenza ta' sid il-proprjeta' fejn kien ipparkjat it-*truck* u min kien is-sid tat-*truck*. It-*truck* li kien jidher abbandunat kellu x-shutter ta' wara miftuh u kellu access ghalih kulhadd, il-post kien biswit triq li kien jinsab taht blokka flattijiet fl-istess triq, kien accessibbli bazikament ghal kulhadd jigifieri post miftuh. (xiehda ta' PS 1377 Emanuel Cilia *a fol.* 77, tal-Ispettur Frank Anthony Tabone *a fol.* 95 u *a fol.* 188 *et. seq.*, PC 1477 Joseph Galea *a fol.* 103 u ex-PC 1371 Alfred Grech *a fol.* 191).

L-istess *truck* gieli kien misluf lid-delettanti tal-loghob tan-nar tax-Xaghra fil-perjodu tal-festa minn sidu (ara stqarrija tal-imputat *a fol.* 4 *et seq.*) biex jintuza bhala *store* izda dan kien ritornat wara li ma kienx hemm bzonnu. Il-Pulizija ma nvestigawx jekk dan it-*truck* li kien iggaraxxjat u ma jintuzax u li xhur qabel kien fil-pussess ta' terzi persuni, jekk dawn l-istess bi zvista hallewx xi materjal fl-istess *truck*.

Illi skond il-Maggur Jeffrey Curmi, llum il-Kap Kmandat tal-Forzi Armati ta' Malta (*a fol.* 88 *et seq.*) l-ammont ta' materjal li nstab kien wiehed zghir hafna li kieku ntuza kollu ma kienx ikun bizzejjed biex taghmel murtal wiehed u ghalhekk jindika li t-*truck* ma kienx qieghed jintuza biex jinhadem in-nar go fih.

Huwa vera li mhux kull kunflitt fil-provi ghandu necessarjament igib il-liberazzjoni ta` dak jew dik li jkunu gew akkuzati b'reat. Anzi, fejn hemm tali kunflitt, il-Qorti trid tkun aktar attenta fl-analizi taghha biex

tara jekk hemmx xi fatt iehor rizultanti mill-atti li jista' jixhet dawl fuq ir-rizoluzzjoni tal-kawza.

Din il-Qorti hekk ghamlet u wara tali analizi tinsab f'qaghda li tiddikjara illi f'dan il-kaz, mehud kollox flimkien, din il-Qorti ma tpoggietx f'pozizzjoni li fiha tista' legittimament tiddikjara l-htija tal-imputat skont il-ligi. Qieset kemm qieset ic-cirkostanzi kollha ta` dan il-kaz, din il-Qorti baqghet kolpita minn dubju. Fi kliem iehor, mehud kollox flimkien, il-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tilhaq il-grad tal-prova rikjest fil-kamp penali sabiex tigi dikjarata l-htija skont il-ligi.

**DECIDE:**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat Artikoli 17, 23, 31, 313, 314 u 533 tal-Kapitolu 9, Artikoli 3(1)(2), 9(1), 27, 28, 29, 40, 41 tal-Kapitolu 33 tal-Ligijiet ta' Malta ma ssibx lill-imputat hati u tilliberah minn kull akkuza.

---

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**